**- KONVENJU - ART. 1233, 1357 KAP 16 -**

**- KAWZA ILLECITA - ART. 987 KAP 16 -**

**-IMPOSSIBILITA' TA' ESEKUZZJONI - ART. 985 KAP 16 -**

**- INTERPRETAZZJONI TA' KUNTRATT - ART. 1002 KAP 16.**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta tat-Tlieta 24 ta' April, 2000**

**Kawza Numru: 5**
**Citazzjoni Numru: 1262/93/RCP**

**John Azzopardi**

**vs**

**George Zammit in rappresentanza tas-socjeta` Ocean Way Company Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn l-attur ppremetta:-

Illi permezz ta' konvenju esegwit fit-13 ta' Gunju 1991, il-konvenut nomine intrabat li jbiegh u jittrasferixxi lill-attur, l-arja li fiha kellu jinbena appartament, li kellu jinbena fl-istess arja u precisament fil-livell tat-tielet (3) sular (*second floor*), kellu jkun numerat bin-numru tnejn (2) ghalkemm presentament huwa numerat bin-numru tlieta (3); in oltre il-konvenut nomine intrabat li jbiegh u jittrasferixxi lill-attur s-sehem pro rata tal-arja fejn kellhom ikunu sitwati l-partijiet komuni tal-korp tal-bini progettat u intrabat ukoll li jbiegh u jittrasferixxi lill-attur l-arja mahsuba biex jigu pparkjati zewg karozzi f'*car port* sottostanti l-korp ta' bini progettat, liema arji kellhom jinbieghu mis-socjeta' konvenuta lill-attur bil-prezz globali ta' Lm5,000; peress illi skond l-imsemmi konvenju, il-kuntratt relattiv kellu jitwettaq f'terminu ta' sentejn u nofs kalkolat mis-26 ta' Frar 1991; u billi kontestwalment u in forza tal-istess konvenju, l-konvenut nomine, intrabat verso l-attur li jibnilu appartament f'parti mill-arja li kellha tigi trasferita, u intrabat ukoll li jikkonkludi x-xoghol relattiv fl-istess terminu fuq citat ta' sentejn u nofs kalkolat mis-26 ta' Frar 1991, b'dan ukoll li l-konvenut nomine kien ukoll tenut li jlesti konklussivament fl-istess terminu l-

partijiet komuni tal-korp tal-bini progettat, kompriz il-*car port* fil-basement; u illi skond il-ftehim interkors bejn il-kontendenti in forza tal-iskrittura imsemmija f'kaz ta' inadempjenza da parte tas-socjeta' konvenuta li twettaq ix-xogholijiet relattivi fit-terminu pattwit, hija kellha tkun tenuta thallas lill-attur is-somma ta' hames liri maltin kuljum in linea ta' penali; u illi s-socjeta' konvenuta naqset li tersaq ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt relattiv fit-terminu preskritt u dan nonostante d-debita interpellazzjoni b'ittra ufficjali presentata fil-25 ta' Awissu 1993; u inoltre s-socjeta' konvenuta kienet ukoll inadempjenti fit-twettiq fit-terminu preskritt tal-appalt moghti lilha mill-attur, kemm f'dak li jirrigwarda t-twettieq tax-xoghol kollu intern tal-appartament kostruwit, kif ukoll f'dak li jirrigwarda it-twettieq tax-xogholijiet relattivi fil-partijiet komuni tal-korp tal-bini li tieghu jifforma parti l-appartament riferit mibni mis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu u fl-interess tal-attur, liema inadempjenza ssussistiet minkejja d-debita interpellazzjoni in forza tal-ittra ufficjali citata.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

(1) tikkundanna lill-konvenut li jaddivjeni ghall-kuntratt ta' bejgh *ai termini* tal-kondizzjonijiet pattwiti in forza tal-konvenju citat, tal-arja tat-tielet sular (*second floor*), fejn illum inbena

appartament mis-socjeta' konvenuta, fuq inkarigu u fl-interess tal-attur, formanti parti minn korp ta' bini fi stadju ta' kostruzzjoni, liema appartament li originarjament kellu jkun innumerat bin-numru tnejn (2), presentament qieghed numerat bin-numru tlieta (3); kif ukoll tas-sehem pro rata tal-arja fejn illum jinsabu sitwati l-partijiet komuni tal-korp tal-bini riferit oltre l-arja intiza sabiex jigu pparkjati zewg karozzi f'*car port* li tinsab sottostanti l-korp ta' bini imsemmi, liema arji u l-bini hemm kostruwit, jinsabu f'parti mill-ispazzju li qabel kien okkupat mid-djar bin-numri 36 u 37 Dingli Street, Sliema;

(2) Tinnomina Nutar biex jircievi l-kuntratt relattiv;

(3) Tinnomina kuratur minn din il-Qorti biex jippresnta l-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt relattiv;

(4) Tiffissa din il-Qorti l-jum, il-hin, u il-lok ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt relattiv;

(5) Jigu prefissi hin qasir u perentorju biex jikkonkludi x-xogholijiet relattivi fl-intern tal-appartament mibni mis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu u fl-interess tal-attur, kif ukoll ix-

xogholijiet relattivi fil-partijiet komuni tal-korp tal-bini li tieghu jifforma parti l-appartament riferit;

(6) Tawtorizza l-istess attur, biex iwettaq ix-xogholijet mehtiega taht id-direzzjoni ta' periti nominati minn din il-Qorti, f'kaz li l-konvenut nomine jibqa' inadempjenti fit-twettiq tal-appalt lilu moghti in via definittiva fit-terminu prefiss;

(7) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur il-penali inkorsi mis-26 ta' Awissu 1993 sad-data tal-eventwali sentenza, bir-rata ta' hames (Lm5) kuljum, salvi kwalsiasi penali ulterjuri li jistghu jkomplu jiddekorru favur l-attur sad-data tat-twettieq definittiv tax-xogholijiet pattwiti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Awissu 1993, u bl-ingunzjoni tal-konvenut nomine ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol 4 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet a fol 9 tal-process fejn gie eccepit:

(1) Il-konvenju in kwistjoni mhux enforzabbli stante li kien redatt b'mod li bih l-attur kien ser jevadi l-hlas ta' dazju fuq dokumenti fuq il-prezz ta' l-appartament li kien ser jixtri billi jiddikjara xiri ta' arja li tiswa sostanzjalment inqas.

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ewwel erba' talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi jirrizulta mill-istess citazzjoni, illum inbena appartament in kwistjoni u ghalhekk l-attur ma jistax jigi "*kkundannat jaddivjeni ghall-kuntratt ta' bejgh tal-arja tat-tielet sular (second floor)"* kif mitlub fic-citazzjoni.

(3) Illi l-hames talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut esegwixxa x-xoghol lilu moghti.

(4) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 9 tal-process;

Rat il-konvenju mertu tal-kawza odjerna datat 13 ta' Gunju 1991 a fol. 12 sa 14 tal-process; *specifications* a fol. 18 tal-process, u prokura a fol. 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Marzu 1994 fejn il-kawza giet differita ghad-19 ta' Ottubru 1994 ghall-provi tal-attur.

Rat il-verbal tad-19 ta' Ottubru 1994 fejn id-difensuri talbu differiment billi kien hemm trattativi ta' transazzjoni. Il-kawza giet differita ghat-18 ta' Novembru 1994 ghall-probabbli cessjoni.

Rat il-verbal tat-18 ta' Novembru 1994 fejn il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghat-18 ta' Jannar 1995.

Rat il-verbali tat-18 ta' Jannar 1995 u tal-31 ta' Jannar 1995 u tat-23 ta' Gunju 1995, fejn fl-ahhar seduta xehed John Azzopardi u l-kawza giet differita ghall-14 ta' Frar 1996.

Rat ix-xhieda ta' l-attur John Azzopardi tat-23 ta' Gunju 1995 (fol. 30 sa 44); Josephine Azzopardi tal-14 ta' Frar 1996 (fol. 49 sa 64); in-Nutar Pierre Falzon tat-12 ta' Marzu 1997 (fol.97. sa 99); tal-konvenut George Zammit tal-31 ta' Ottubru 1997 (fol. 101 sa 122)

Rat il-protest ta' John Azzopardi a fol 45 sa 47 tal-process presentat fit-28 ta' Settembru 1995.

Rat il-verbal ta' l-14 ta' Frar 1996 fejn xehdet Josephine Azzopardi. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha ta' l-attur ghat-13 ta' Mejju 1996.

Rat in-nota tal-attur a fol. 68 tal-process fejn giet esebita skrittura privata (Dok. Y) datata 26 ta' Frar 1991 bejn l-attur u Arthur Ebejer u Brian Abela ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' "Intown Estates Limited" a fol. 69 tal-process, u kuntratt ta' bejgh datat 13 ta' Gunju 1991 ppubblikat minn Nutar Pierre Falzon (Dok.Z) a fol. 73 tal-process.

Rat in-nota tal-attur tad-19 ta' Gunju 1996, u tas-16 ta' Ottubru 1996 rispettivament a fol. 80 u 82 tal-process.

Rat il-verbali tat-13 ta' Mejju 1996, tad-19 ta' Gunju 1996, tat-12 ta' Marzu 1997 fejn xehed in-Nutar Pierre Falzon, tal-31 ta' Ottubru 1997 fejn xehed George Zammit, tat-12 ta' Dicembru 1997 fejn xehed in kontro ezami il-konvenut George Zammit u Edmond Mulgiette, tas-27 ta' April 1998 u tat-22 ta' Gunju 1998 fejn rega' xehed Edmond Mugliette u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-30 ta' Ottubru 1998.

Rat il-verbali tat-30 ta' Ottubru 1998, tat-22 ta' Jannar 1999, tas-26 ta' Frar 1999, tat-3 ta' Gunju 1999, tat-28 ta' Ottubru 1999, tas-27 ta' Jannar 2000, tat-30 ta' Marzu 2000, tal-14 ta' April 2000 u tal-11 ta' Lulju

2000 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Novembru 2000.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 28 ta' Awissu 1998, fejn il-Qorti ordnat s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u peress li kellha bzonn iktar informazzjoni minghand il-partijiet u iffissat access nhar is-26 ta' Settembru 2000 bl-assistenza tal-Perit Arkitett Frederick Doublet li gie nominat sabiex jassisti lill-istess Qorti fl-access.

Rat il-verbal tal-14 ta' Novembru 2000 fejn il-Perit Tekniku pprezenta r-rapport tieghu, u l-kawza thalliet ghall-ezami tar-rapport u ghall-finali trattazzjoni ghas-6 ta' Dicembru 2000.

Rat ir-rapport peritali tal-Perit Frederick Doublet.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2000 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-14 ta' Marzu 2001, u wara ghall-24 ta' April 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi jirrizulta li l-ewwel konvenju li ghamlu l-atturi kien dak datat 26 ta' Frar 1991, redatt minn Nutar Pierre Falzon u esebit bhala Dok. Y a fol.69 tal-process, a bazi ta' liema l-istess attur obbliga ruhhu li jbiegh u jittrasferixxi lis-socjeta' Intown Estates Limited "id-dar bl-arja libera taghha bl-isem Hollywood, f'numru sebgha u tletin (37) gia numru tnejn u sittin (62) f'Sir Adrian Dingli Street, Sliema, libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha".

Illi jirrizulta ukoll fl-istess konvenju illi inghad illi, *"jigi premess illi l-istess dar ser titwaqqa' u minflokha ser jinbena blokk ta' sitt flats b'basement sottostanti u l-venditur qieghed ghalhekk jirriserva favur tieghu l-arja kollha li ser iservi ghall-bini tal-flat fit-tielet sular kif jidher delineat bl-ahmar fil-pjanta hawn annessa u mmarkata dokument "A", u bir-riserva ukoll tal-uzu tal-common parts indikati fl-istess pjanta u bl-ispecifications kif indikati fil-lista li qeghda tigi hawn annessa dokument bl-ittra B, l-istess venditur jirriserva ukoll l-ispazzju li iservi bhala carport ghaz-zewg karozzi, f'dik il-parti ukoll immarkata bl-ahmar fl-istess pjanta gia' annessa".*

Illi fl-istess konvenju jidher li l-istess socjeta' obbligat ruhha li tibni l-istess appartament skond l-i*specifications* hemm indikati, u *di piu'* l-*carports*

hemm indikati, u dan fi zmien sentejn u nofs mill-istess data tal-konvenju.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta, li l-istess socjeta' Intown Estates Limited bieghet lis-socjeta' konvenuta d-drittijiet li hija kellha fuq l-istess konvenju, b'dan li l-atturi bieghu lill-konvenut nomine permezz ta' kuntratt pubblikat minn Nutar Pierre Cassar datat 13 ta' Gunju 1991, l-fond Numru 37, Dingli Street, Sliema, verso il-prezz ta' Lm44,500, li minnhom Lm19,000 thallsu sad-data tal-kuntratt, u Lm25,000 kellhom jithallsu sa sentejn u nofs mis-26 ta' Frar 1991, b'dan li *"l-venditur irreserva l-privilegg specjali spettanti lilu skond il-ligi, liema privilegg jista' jigi pospost favur bank lokali sabiex il-kumpanija tiehu self jew overdraft"* u dan kif jirrizulta mill-istess kuntratt esebit bhala Dokument "Z" a fol. 73 tal-process.

Illi kontestwalment mal-istess kuntratt sar konvenju wkoll datat 13 ta' Gunju 1991, fejn l-konvenut nomine obbliga ruhhu li jitrasferixxi "*l-flat ossia l-arja li ser tigi okkupata mill-flat li ser ikun internament immarkat bin-numru tnejn (2) fis-second floor, li ser ikun jifforma parti minn blokk ta' sitt flats (6) b'basement sottostanti liema arja ser tkun tezisti fuq l-art li llum tinsab okkupata mid-djar bin-numri sitta u tlettin (36) u tlieta u sebghin (37) f'Dingli Street, Sliema, liema arja u flat lilha okkupanti ser ikunu skond il-pjanta li qed tigi*

*immarkata bhala Dok. A, kif ukoll is-sehem pro rata tal-uzu tal-common parts tal-istess blokka u l-arja li ser issiervi bhala carport ghall-zewg karozzi f'dak il-parti indikata bl-ahmar fl-istess pjanta annessa, libera u franka"* u dan *"verso il-prezz ta' hamsa u ghoxrin elf lira maltija (Lm25,000) liema prezz jigi kompacut mal-prezz tal-appalt a tenur tal-paragrafu 6 f'dan il-ftehim",* u l-istess skrittura wkoll kellha validita' sa sentejn u nofs mis-26 ta' Frar 1991.

Illi il-pjanta tal-istess appartament u *carports* tinsab esebita a fol. 17 tal-process, u l-*ispecifications* indikati jinsabu esebiti a fol. 18 tal-process.

Illi mela allura jirrizulta li l-atturi illum wara l-iskrittura tat-13 ta' Gunju 1991, ghandhom relazzjoni dwar l-istess mas-socjeta' konvenuta, ghaliex jidher car li s-socjeta' l-ohra Intown Estates Limited harget mix-xena.

Illi l-istess atturi qed isostnu li l-*ispecifications* ma gewx osservati tant li l-faccata tal-flats tbidlet, il-*car spaces* li kellhom ikun ta' hmistax (15) il-pied, issa saru ghaxar (10) piedi u disa' (9) pulzieri, il-flat flok innumerat bin-numru 2 gie numru 3, pero` is-*subcontractors* informawhom illi l-flat kien lest xi xahrejn wara li kellhom jiffirmaw il-kuntratt (fol. 40).

Illi din il-Qorti l-ewwel u qabel kollox ser tara jekk l-iskrittura datata 13 ta' Gunju, 1991 tissodisfax ir-rekwiziti ta' l-**artikoli 1233 u 1357 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta u allura tikkwalifikax bhala konvenju u sussegwentment tara jekk dan il-konvenju hux kolpit b'kawza illecita kif qed jallega l-konvenut nomine ghaliex jekk din l-allegazzjoni tirrizulta dan jimporta li l-imsemmija skrittura privata hija nulla u konsegwentement t-talbiet attrici ma jkunux jistghu jintlaqghu in kwantu dawn huma diretti sabiex l-konvenut nomine jigi ordnat jaddivjeni ghall-publikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh.

## A. PROVI

### (I) DOKUMENTARJI

Illi l-partijiet f'din il-kawza iffirmaw skrittura privata datata 13 ta' Gunju, 1991 fejn George Zammit ghan-nom ta' Ocean Way Limited obbliga ruhhu li jbiegh, icedi, jassenja u jitrasferixxi a favur tal-kompratur (John Azzopardi, l-attur) li jobbliga ruhhu li jaccetta, jakkwista u jixtri l-flat u cioe` l-arja li ser tigi okkupata mill-flat li ser ikun internament bin-numru tnejn (2) fis-*second floor*, li ser ikun jifforma parti minn blokk ta' sitt flats (6) b'*basement* sottostanti liema arja ser tkun tezisti fuq l-art li illum tinsab okkupata mid-djar bin-

numri sitta u tletin (36) u sebgha u tletin (37) f'Dingli Street, Sliema, liema arja u flat hekk indikat ser ikun skond il-pjanta li qeghda tigi hawn annessa markata dokument A u kif ukoll is-sehem pro rata tal-uzu tal-*common parts* tal-istess blokka u l-arja li ser iservi bhala *carport* ghal zewg karrozzi f'dik il-parti ndikata bl-ahmar fl-istess pjanta annessa libera u franka.

Illi l**-artikolu 1233 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jitkellem dwar atti li ghandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata. Testwalment jghid illi:

*(1) Bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi, espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku, ghandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taht piena ta' nullità -*

*(a) il-ftehim li jkun fih weghda ta' trasferiment jew ta' akkwist, taht kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta' beni immobbli jew ta' jedd iehor fuq dawk il-beni;*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Baldacchino et noe vs Carmelo sive Charlie Camilleri et"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998 intqal illi:

*"Hu car allura illi biex l-iskrittura taht is-subinciz (a) ta' l-artikolu 1233 tkun valida fil-ligi jehtieg li tkun (a)*

*tirrispekkja il-volonta' tal-kontraenti riflessa fil-firem taghhom; (b) tikkontjeni il-weghda ta' trasferiment li tkun tifforma l-oggett ta' dak il-ftehim; (c) tidentifika dan l-oggett li kellu jigi trasferit (d) tistipula t-titolu li bih ikun gie miftiehem li kellu jsir it-trasferiment u (e) jindika l-prezz jew konsiderazzjoni miftehma li jistghu jkunu determinati jew determinabbli skond il-ftehim".*

Illi l-ftehim u cioe` l-iskrittura privata li hemm esebita a fol. 12 *et sequitur* tal-process ghandha titqies ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi bhala konvenju u dan huwa pacifiku bejn il-kontendenti, u dan kif johrog car mix-xhieda taghhom.

Illi dan qed jinghad stante li mill-istess skrittura privata datata 13 ta' Gunju 1991, jirrizulta li l-iskop tal-partijiet kontrajenti kien li fl-ahharnett fuq il-kuntratt finali jigu trasferit l-appartament li kellu jinbena fl-arja indikata fl-istess skrittura skond id-dettalji kollha hemm indikati, flimkien mal-partijiet komuni tal-istess blokk ta' bini, u wkoll zewg *car spaces* fil-*basement* tal-istess blokk ta' bini, b'dan li fil-mument li kien sar il-konvenju, peress li xejn minn tali blokk ma kien ghadu inbena, l-istess vendituri kellhom jibnu l-istess blokk fil-mori tal-konvenju u jittrasferixxu l-istess kollox lest fiz-zmien sentejn u nofs (2 ½) mid-data tas-26 ta' Frar 1991, u tali terminu gie stabbilit sabiex l-istess socjeta' venditrici jkollha zmien bizzejjed sabiex tibni

l-istess blokk u tkun tista' tittrasferixxi l-istess immobbli lill-attur fuq il-kuntratt finali.

**(II) FATTWALI.**

(1) L-EWWEL ECCEZZJONI.

Illi l-konvenut nomine qed jecceppixxi fl-ewwel eccezzjoni tieghu li t-talbiet attrici ma jistax jintlaqghu peress li l-konvenju huwa bbazat fuq kawza illecita stante li l-istess konvenut qed isostni li kienet ser tigi evasa it-taxxa fuq id-dokumenti peress li kien ser jigi dikjarat bejgh ta' arja, li *di piu`* ma ghadiex tezisti, bi prezz li huwa fil-fatt inqas minn dak ta' xiri ta' appartament. *Di fatti* jghid illi l-konvenju in kwistjoni mhux enforzabbli stante li kien redatt b'mod li bih l-attur kien ser jevadi l-hlas tad-dazju fuq dokumenti fuq il-prezz ta' l-appartament li kien ser jixtri billi jiddikjara xiri ta' arja li tiswa sostanzjalment inqas.

Illi ghalhekk trid tigi determinata din l-eccezzjoni ghax hu car li jekk tigi milqugha jigu pregudikati irrimedjabilment it-talbiet l-ohra tal-attur.

Illi l-**artikolu 987 tal-Kodici Civili (Kap. 16)** jistipula illi:

*“L-obbligazzjoni minghajr kawza, jew maghmula fuq kawza falza jew illecita, m'ghandha ebda effett”.*

Il-konvenut nomine fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu jghid illi “*it-trasferiment tal-flat u tal-car spaces, ghal raguni ovvja ta’ evazjoni tad-dazju fuq id-dokumenti dovuti mill-atturi, gie deskritt bhala bejgh ta’ arja ghal Lm5,000 u appalt moghti lill-konvenut noe b’valur ta’ Lm20,000. B’hekk l-atturi riedu li jevitaw li jhallsu d-dazju fuq il-valur tal-appalt, u cioe` fuq il-valur ta’ Lm20,000 u dan billi mid-dokumenti jkun jidher li huma ma xtrawx appartament mibni, imma semplicement arja fejn jista’ jinbena appartament. Ghandu jinghad li huma kellhom metodu ghal kollox legittimu kif jaghmlu dan, u cioe` li jakkwistaw l-arja wara t-twaqqiegh tad-dar taghhom pero` qabel ma jinbena l-blokk ta’ appartamenti. Huma ma ghamlux hekk. Huma riedu li l-appartament l-ewwel jinbena, u jigi komplut skond l-ispecifications miftehma, u mbaghad jsir it-trasferiment u l-hekk imsejjha tpacija. Dan jirrizulta car mill-fatt li kuntratt finali tat-trasferiment tal-appartament, ossia arja, kellu jsir sentejn u nofs wara Frar tal-1991 u dana, ex admissis u skond it-termini tal-kuntratt pubbliku u l-iskrittura privata tat-13 ta’ Frar, 1991 sabiex fid-data tal-kuntratt l-appartament ikun lest. Issa l-atturi kienu jafu, jew messhom kienu jafu, li appartament lest ma jistax jinbiegh bhala arja u li ghandu jithallas id-dazju*

*fuq il-valur tal-appartament u mhux tal-arja, u ghalhekk l-intenzjoni taghhom setghet tkun wahda biss, u cioe` li jevitaw id-dazju dovut fuq trasferiment tal-valur ta' Lm25,000 billi jissostitwuh b'wiehed ta' Lm5,000".*

Illi l-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom jghidu illi "*In-Nutar tal-konvenut lesta l-kuntratt tal-bejgh tad-dar u l-konvenju ghall-bejgh tal-flat u garage. Hu iddeskrivihom bhala area li fuqha kellu jsir il-bini. 'Area' hija l-ispazju li kellu jokkupa l-flat u l-garage, fuq il-qisien specifikati. L-oggett tal-konvenju huwa car: l-atturi xtraw flat u garage fuq pjanti u specifications ta' kif kellhom jinbnew. Din hi haga komuni".*

Illi l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri et noe**" (Cit. Nru. 729/91) deciza fit-18 ta' Mejju, 1993 (konfermata fl-Appell fl-14 ta' Novembru, 1996) qalet li sewwa jinghad illi hu pacifiku fil-gurisprudenza illi:

*"Hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula b' kawza illecita u l-kawza hija illecita meta hija projbita mill-ligi jew kuntrarju ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali."*

*"Il-kwistjoni tal-legalita' jew le tal-konvenzjoni minhabba kawza illecita tista' tigi sollevata mill-Qorti "ex officio" (Vol. XLI, P.I, p.684 u p.694)".*

Illi gie ritenut ukoll illi l-legislazzjoni ta' natura fiskali hi minnha nfisha ta' ordni pubbliku in kwantu hu prezunt li saret fl-interess komuni.

*"Quando il fatto e' illecito, la legge non riconosce alcun alla convenzion; e' una obligazione fondata su causa illecita, poiche' la causa si confonde coll'oggetto dei contratti; e quando la causa e' illecita, l'obbligazione e' inesistente e non puo' avere alcun effetto* ***(Laurent, Vol. XXVII, Para. 402)."***

*"Illi l-oggett tal-mandat kien ghalhekk illecitu ghaliex kontra l-ligi; jigifieri kontra d-"Defence (Finance) Regulations, 1942",* u l-Qorti rriteniet illi l-iskop ta' l-inkarigu kien illecitu u ghalhekk cahdet it-talba tal-attur kontra l-konvenut ghar-restituzzjoni ta' flus." **(Vol. XXXIV, p.632).**

Illi tal-istess portata huma wkoll is-sentenzi riportati f'Vol. XXXII,p. II, p. 574; Vol XXIX, p. III, p. 152 u Vol XXII,p. I, p. 193. F'din l-ahhar sentenza citata hekk hu stabbilit li:-

*"Nessun atto, per quanto liberamenti consentito e talora, ripetuto,e nessun periodo di tempo, per lungo che sia, possono dare efficacia ad un'obbligazione proibita per ragione di ordine pubblico."*

Illi minn dan johrog li skrittura li tohloq obbligazzjonijiet illeciti in kwantu jikkontemplaw sitwazzjonijiet li huma projbiti mill-ligi jew kuntrarju ghall-ordni pubbliku ma tistax titnissel minnha ebda azzjoni civili.

Illi l-konvenut nomine jindika fost il-kundizzjonijiet "illeciti" l-evazjoni fuq il-hlas tad-dazju dwar id-dokumenti peress illi kienet ser tigi dikjarata li qed tinxtara l-arja ta' appartament li tiswa sostanzjalment inqas.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern jirrizulta li ma hijiex l-ewwel darba li jsir negozju fejn persuna tixtri proprjeta qabel ma din attwalment tkun tlestiet, tant li fil-fatt mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti jirrizulta b'mod car u bla ebda dubju kwalunkwe li l-intenzjoni tal-partijiet meta dahhlu fl-istess ftehim tat-13 ta' Gunju 1991, kien li fil-fatt s-socjeta' konvenuta tbiegh appartament lill-attur bl-accessorji tieghu inkluz l-partijiet komuni tal-istess blokk *pro rata* u *parking space* ta' zewg vetturi.

Illi ineffetti dan jirrizulta car mix-xhieda kollha moghtija minn George Zammit f'din il-kawza, fejn konsistentement jirreferi ghall-istess skrittura privata bhala konvenju fuq appartament. Illi l-istess domandi li saru lill-istess xhud mid-difensur tal-konvenut nomine stess jirrifletti proprju dan.

Illi fil-fatt a fol. 106 tal-process saru s-segwenti domanda u risposta:-

***"Dr. Henri Mizzi ghall-konvenut:-*** *Nigu ghall-bini tal-blokk ta' appartamenti fejn wiehed minnhom kellu jinxtara mis-Sinjuri Azzopardi. Waqt il-bini tal-blokk maghhom kien hemm xi diskussjonijiet ghar-rigward tal-appartament taghhom?*

***Xhud:-*** *Iva kellhom arrangamenti ma Intown Estates kif kellhom jaghmlu il-finish".*

Illi l-istess xhud fl-istess seduta kompla jghid:-

***"Dr. Henri Mizzi ghall-konvenut:-*** *Is-Sinjuri Azzopardi kienu ftehmu ma' Intown Estates biex ituhom id-dar taghhom. Minflok dik id-dar, Intown Estates kellhom jibnu blokk appartamenti, jaghtu wiehed lis-Sinjuri Azzopardi u jhallsuhom xi bilanc ta' prezz. Dan kien il-ftehim?*

***Xhud;-*** *Il-ftehim ezatt kien kif hu l-konvenju. Hekk kien ma dak l-ilma.*

***Dr. Henri Mizzi ghall-konvenut:*** *Imbaghad inti dhalt bhala proprjetarju minflok Intown, qed nghid sew?*

***Xhud:-*** *Hekk hu.*

Illi f'partijiet ohra fl-istess xhieda l-istess konvenut George Zammit sostna kemm il-darba li *"jiena ghandi konvenju u lest li nonora sal-inqas punt u virgola",* u wkoll l-istess konvenut nomine isejjah anke fl-eccezzjonijiet tali ftehim bhala konvenju, kif di piu jaghmlu l-atturi tul ix-xhieda taghhom kollha.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju mix-xhieda prodotta quddiema, li bl-istess skrittura bejn il-partijiet, l-intenzjoni tal-istess partijiet kienet li jsir konvenju ghall-istess appartament u l-accessorji tieghu, u peress li dan ma kienx lest, gie formulat bhala trasferiment tal-arja u appalt sabiex jinbena l-istess appartament u l-accessorji tieghu fil-mori tal-istess konvenju, pero` huwa wkoll car minn kwalsola numru wiehed (1) tal-istess skrittura privata li:-

*"Dan il-bejgh ser issir bil-pattijiet segwenti:-*

*1. Verso il-prezz ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) liema prezz jigi kompacut mal-prezz tal-appalt a tenur tal-paragrafu 6 f'dan il-ftehim.*

*Liema prezz jikkomprendi is-somma ta' hames t'elef lira (Lm5,000) ghall-arja u ghoxrin elf lira (Lm20,000) l-appalt".*

Illi mill-istess klawsola jidher car li dak li skond l-istess konvenju kellu jigi trasferit b'kuntratt pubbliku in esekuzzjoni tal-istess kien proprjament l-istess appartament lest bl-accessorji tieghu ta' *common parts* u zewg *garage spaces* verso il-prezz ta' Lm25,000, liema prezz kellu jikkomprendi fih l-valur tal-appalt ghall-bini tal-istess appartament, (ghalkemm it-terminologija uzata min-nutar fil-formolazzjoni tal-istess klawsola ma jistax jinghad li hija felici), u ghalhekk certament li ma kien hemm xejn fil-premess, li juri li kien hemm xi hsieb minn wahda mill-partijiet, inkluz l-konvenut li kien kompartecipi fl-istess skrittura, li jigi b'xi mod evitat il-boll fuq l-att finali tat-trasferiment.

Illi dan qed jinghad tenut kont tal-fatt li dak li qieghed in ezami illum f'ghajnejn il-Qorti hija semplici skrittura privata li bhala tali certament li ma ghandha xejn illegali fiha, u mix-xhieda taz-zewg partijiet lanqas hija kontestata bhala tali; anzi il-partijiet waqt ix-xhieda

taghom qabblu li l-istess skrittura privata kienet intenzjonata bhala promessa ta' bejgh u xiri rispettivament mill-partijiet odjerni ta' appartamant bl-accessorji tieghu, li kellu inbena fil-mori tal-istess konvenju, u kellu jigi trasferit bhala lest fit-terminu tal-istess; tali intenzjoni, minkejja li l-formalazzjoni mill-istess nutar tal-istess konvenju setghet saret ahjar, tirrizulta cara mill-istess skrittura, fejn il-partijiet irreferew ghall-istat tal-fatt li kien jezisti fid-data tal-konvenju, fejn tali blokk ta' appartamenti kien ghadu irid jinbena, u irreferew ghall-arja fejn kellu jinbena l-istess appartament, li tali flat kellu jigi kostruwit mal-bqija tal-blokk fit-terminu tal-istess konvenju, li huwa wiehed ta' sentejn u nofs, proprju sabiex jitlesta l-istess bini, u fl-ahharnett kellu jsir it-trasferiment tal-istess appartament bl-accessorji tieghu lill-atturi, manifestat bil-prezz fuq indikat kollu tal-istess flat, cioe` Lm25,000, li kien jinkludi l-valur tal-appalt u l-prezz tal-arja, ghall-prezz uniku ta' Lm25,000.

Illi jigi fl-ahharnett innutat li mkien mix-xhieda ta' George Zammit ma ikkontesta l-validita' tal-istess konvenju, u lanqas b'xi mod ma ittenta jghid li l-atturi kellhom intenzjoni li jevadu l-boll fuq l-att finali, anzi kkonferma li huwa kien lest li jonora l-istess konvenju f'kollox, u ghalhekk huwa stramb hafna, kif l-istess konvenut nomine ghamel l-istess eccezzjonijiet, li huma kontradetti mix-xhieda tieghu stess, u minn kull

prova li huwa stess ressaq fl-istess kawza. Din l-eccezzjoni wkoll tikkontrasta sew mal-fatt li *di piu'* l-istess konvenut kien kompartecipi fl-istess skrittura, u minkejja dan qatt ma sostna li huwa kien kompartecipi f'xi att illegali u fil-fatt kien ikun vera sorprendenti kieku ghamel dan, u fl-istess nifs issotni li huwa irrid jesegwixxi l-istess konvenju.

Illi ghalhekk jidher car li din l-ewwel eccezzjoni hija ghall-kollox infondata stante li hija kompletament distakkata mill-kontenut tal-istess skrittura u mill-intenzjoni tal-partijiet manifestata kemm fl-istess skrittura privata, kif ukoll tul din il-kawza kollha, fejn irrizulta li assolutament ma hemm xejn fl-istess konvenju li huwa illecitu u kontra l-ligi, u dan in verita' qatt ma setgha jkun f'dan il-kaz, tenut kont li d-dicitura proprja kienet redatta min-Nutar, u fejn l-intenzjoni unika u manifestata tal-partijiet kienet biss li fl-ahharnett isir kuntratt ta' trasferiment fuq l-appartament li sadanitant ikun lahaq inbena. Il-kliem fil-paragrafu numru wiehed (1) juru b'mod skjet li l-bejgh kellu issir ghall-appartament bil-valur ta' Lm25,000, li ovvjament kien jinkludi l-prezz tal-arja u l-valur tal-appalt, kif spjegat fl-istess, u fil-paragrafu numru sitta (6) tal-istess skrittura.

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni tal-konvenut nomine qed tigi michuda.

(2) IT-TIENI ECCEZZJONI

Illi ghalhekk imiss li tigi determinata t-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine u cioe` li l-konvenut nomine illum il-gurnata ma jistax jigi ordnat jaddivjeni ghall-kuntratt ta' bejgh ta' l-arja tat-tielet sular stante li inbena l-appartament in kwistjoni.

Il-konvenut nomine fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jghid illi *"kif jirrizulta mic-citazzjoni stess l-appartament u l-garage space in kwistjoni kienu gja nbnew meta c-citazzjoni giet intavolata. Huwa ovvju, ghalhekk, li l-esponenti ma jistax illum jigi ordnat jidher fuq kuntratt ghall-bejgh ta' arja, ghaliex l-arja m'ghadhiex tezisti. Lanqas ma kienet tezisti meta saret ic-citazzjoni u ghalhekk lanqas dak iz-zmien ma setgha jsir kuntratt f'dan is-sens".*

Illi l-konvenut nomine fl-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet u senjatament a fol. 200 tal-process jghid illi "*fl-istess gurnata, l-partijiet ghall-imsemmi kuntratt pubbliku dahlu fi skrittura privata, li hadet il-forma ta' konvenju ghal arja definita, u ta' appalt ghall-bini ta' appartament u carport fl-imsemmija arja".*

Illi jidher li l-konvenut nomine qed jibbazza l-eccezzjoni tieghu fuq id-disposizzjoni dwar l-impossibilita ta' l-oggett a tenur ta' **l-artikolu 985 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu li jitratta dwar hwejjeg li ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt jistipula illi *"Il-hwejjeg impossibbli, jew ipprojbiti mill-ligi, jew kuntrarji ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku, ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt".* Illi l-**artikolu 982 tal-Kapitolu 16** jghid illi "*Kull kuntratt ghandu b'oggett haga illi wahda mill-partijiet li jikkuntrattaw tintrabat li taghti, li taghmel, jew li ma taghmilx*".

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut nomine, b'konvenju datat 13 ta' Gunju, 1991 intrabat li "*jbiegh, icedi, jassenja u jitrasferixxi a favur tal-kompratur li jobbliga ruhhu li jaccetta, jakkwista u jixtri l-flat u cioe` l-arja li ser tigi okkupata mill-flat li ser ikun internament bin-numru tnejn (2) fis-second floor, li ser ikun jifforma parti minn blokk ta' sitt flats (6) b'basement sottostanti liema arja ser tkun tezisti fuq l-art li llum tinsab okkupata mid-djar bin-numri sitta u tletin (36) u sebgha u tletin (37) f'Dingli Street, Sliema, liema arja u flat lilha okkupanti ser ikun skond il-pjanta li qeghda tigi hawn annessa markata dokument A u kif ukoll is-sehem pro rata tal-usu tal-common parts tal-istess blokka u l-arja li ser isservi bhala carport ghal zewg karrozzi f'dak il-parti*

*ndikata bl-ahmar fl-istess pjanta annessa libera u franka".* Illi l-istess skrittura tkompli tghid li dan il-bejgh ser issir bil-prezz ta' Lm25,000, liema prezz jikkomprendi kemm il-prezz tal-arja u kemm tal-appalt.

Illi kif gia gie fuq premess l-intenzjoni hija cara, u skond ma jindika d-dispost ta' l-**artikolu 1002 tal-Kodici Civili** *"meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni*".

Illi minn dan kollu jidher li dak li ghandu jigi trasferit u huwa l-oggett tal-bejgh huwa l-apparartment bl-accessorji kollha tieghu hemm indikati fl-istess konvenju, u dan kemm ghal dak li inghad iktar il-fuq dwar ix-xhieda prodotta, u dwar it-terminologija tal-istess konvenju u senjatament fejn fil-paragrafu numru wiehed (1) tal-istess konvenju jidher car li l-partijiet qed jirreferu ghall-bejgh ta' dak kollu indikat fl-istess konvenju, u cioe` l-arja *de quo* li tramite l-appalt moghti bl-istess skrittura, u esegwit fil-mori tal-istess konvenju, trasforma l-istess f'appartament bl-accesorji kollha mieghu, b'dan li l-oggett finali tal-kuntratt tat-trasferiment kellu jkun l-istess appartament u mhux l-arja.

Illi dan ukoll johrog mill-fatt, li l-appalt huwa percepit u ndikat fl-istess konvenju bhala kondizzjoni tal-istess promessa ta' bejgh u xiri, u li l-valur tal-istess appalt huwa ikkunsidrat bhala wahda mill-kundizzjonijiet tal-istess promessa ta' bejgh u xiri tal-imsemmi appartament.

Illi dan huwa ikkonfermat mill-fatt li fix-xhieda kollha tal-istess firmatarji tal-iskrittura premessa, u cioe` tal-kontendenti, qatt ma saret riferenza ghall-trasferminent ta' arja, izda biss kuntratt ta' trasferiment dwar il-mod kif inbena l-istess appartament, u mhux dwar il-validita' tal-istess, tant li l-konvenut fil-kawza proprja u iktar minn darba dejjem sostna li huwa lest jaderixxi ruhhu ghat-trasferiment tal-istess flat u l-accessorji tieghu, fl-istat li gie komplut minnu. Min-naha l-ohra l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma ghal darba ohra ghal kollox differenti u distakkati mix-xhieda moghtija minnu, u din hija proprju wahda mill-perplessitajiet li jezistu f'din il-kawza. Certament pero` li din l-attitudini tal-konvenut, u id-divergenza li tezisti bejn ix-xhieda tieghu bil-gurmanent, u l-eccezzjonijiet u l-osservazzjonijiet minnu mressqa, ghandu jimmilita kontra li jintlaqghu l-istess eccezzjonijiet, u dan iktar u iktar meta l-interprettazzjoni u l-esekuzzjoni ta' kull kuntratt jew ftehim ghandhom isiru skond il-principji ta' *buona fede* u favur l-adempjiment tal-istess obbligazzjonijiet

assunti mill-partijiet u mhux biex wahda tissottra vantagg illecitu u frawdolenti fuq l-iehor.

Illi dan huwa iktar serju meta wiehed jikkonsidra li mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess konvenju u l-eventwali trasferiment in esekuzzjoni tal-istess, kienet biss it-tieni parti tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet odjerni, stante li l-ewwel parti esegwita in piena mill-attur, kienet it-trasferiment tad-dar mill-atturi lill-konvenut nomine tad-dar bl-isem *"Hollywood"* bin-numru 39 gia 62, f'Adrian Dingli Street, Sliema, fejn minflokha kellu jinbena in parti l-istess blokk ta' flats, tant li l-pagament tal-istess prezz tal-istess dar kien marbut mad-data tat-terminu tal-istess imsemmi konvenju u l-eventwali trasferiment din id-darba mill-konvenut nomine lill-attur tal-istess appartament mertu tal-kawza odjerna, kif jirrizulta proprju mill-istess kuntratt pubbliku esebit bhala Dok. "Z" a fol. 73 tal-process, u li l-istess Nutar sostna li sar flimkien mal-konvenju premess, f'operazzjoni wahda.

Illi ghalhekk a bazi anke din it-tieni eccezzjoni qed tigi michuda, anke ghaliex it-talba tal-istess attur ma hijiex intiza sabiex issir it-trasferiment tal-arja, izda kif jirrizulta proprju mill-ewwel talba attrici sabiex jigi trasferit l-appartament mibni mis-socjeta' konvenuta fl-arja tat-tielet (3) sular (*second floor*) parti minn korp ta' flats fi stadju ta' kostruzzjoni, liema appartament, li

originarjament kellu jkun enumerat bin-numru tnejn, illum huwa enumerat bin-numru tlieta (3) u fil-fatt gie individwat bla ebda diffikulta waqt l-access mizmum mill-istess Qorti, anke jekk forsi l-kostruzzjoni tal-istess talbiet setghet saret b'mod hafna iktar preciz.

Illi dwar il-garaxx u l-arja fil-basement, li kienu accessorji ghall-bejgh tal-istess appartament jirrizulta li l-ispazju indikat fi-i*specifications* annessi mal-konvenju, dawn gew mibdula arbitrarjament mill-istess konvenut nomine tant li George Zammit jghid illi l-garaxx fil-fatt inbena idjaq milli skond il-konvenju u dan *"minhabba l-appogg ta' ma genbna li kien hajt tas-sejjiegh u ma riedux icaqalquh li ovvjament ahna ghandna nofsu … Allura ezempju jekk il-garaxx kellu jigi 14 feet, gie 12 feet, allura zewg karozzi ma joqghodux"*.

Dan il-basement illum il-gurnata huwa mibni hekk u cioe` b'inqas spazju minn dak miftiehem fuq il-konvenju datat 13 ta' Gunju, 1991 bejn il-konvenut nomine u l-atturi. Il-konvenut nomine *ex admissis* a fol. 109 tal-process jghid illi il-garaxx ma kienx skond l-i*specifications* tal-konvenju. In kontro-ezami, l-konvenut nomine jghid illi *"jekk naslu fl-arrangament ta' l-agreement li kellna, jiena lest li nonorah "* u *"jiena ghandi konvenju u lest li nonora sa' l-istess punt u virgola*".

Dwar l-ispazju tal-garaxx, l-konvenut nomine jaqbel illi l-ftehim mal-atturi kien li jkollhom spazju ghal zewg karozzi fejn xulxin pero` jghid ukoll illi huwa kien lehaq biegh wiehed minn dawn il-postijiet qabel ma hareg il-mandat ta' inibizzjoni mill-atturi kontrih.

Illi irrizulta mill-provi li l-wisa' tal-istess arja ta' zewg *carspaces* li tirrizulta mill-pjanta esebita bhala Dok. "A" a fol. 15 tal-process illum giet ridotta minn erbatax-il pied (14') ghall-wahda ta' ghaxar piedi u seba' pulzieri (10'7") kif gie konstatat mill-perit tekniku Frederick Doublet waqt l-access mizmum mill-Qorti fil-presenza tal-partijiet fis-26 ta' Settembru 2000, u dan peress li l-pjanta tal-istess basement giet mibdula mill-konvenut nomine minn dik indikata mill-perit tekniku bhala 3570-2 tar-relazzjoni tieghu ibbazata fuq il-pjanta annessa mal-konvenju bejn il-partijiet a fol. 15 tal-process, ghal dik redatta mill-istess perit tekniku fuq konstatazzjoni li ghamel fuq il-post fil-perizja teknika tieghu, indikata minnu bhala 3570 - 1 tar-relazzjoni tieghu, u l-istess pjanti gew superimposti fuq xulxin biex wiehed jara d-differenza mill-ohra skond pjanta indikata mal-istess relazzjoni peritali indikata minnu bhala 3570 - 3.

Illi l-parijiet ippruvaw jittransigu fuq post alternattiv ghall-istess *garage spaces* ukoll indikati mill-istess

perit tekniku fl-istess pjanta 3579 - 3, pero` l-partijiet ma jirrizultax li transigew dwar l-istess skond id-dettalji indikati mill-istess perit tekniku f'paragrafu 4.2 tar-relazzjoni tieghu, u ineffetti d-difensur tal-konvenut sostna l-istess u anke li tali offerta ghas-sostituzzjoni tal-istess *car spaces* minn kif indikati fil-pjanta annessa mal-istess konvenju *"illum ma ghadhiex tezisti".*

Illi ghalhekk mill-arja fil-*basement* indikata bl-ahmar fil-pjanta Dok. "A" a fol. 15 tal-process, filwaqt li t-tul tal-istess spazzju ghadu l-istess ta' sittax il-pied, il-wisa' giet ridotta ghall-ghaxar (10) piedi u sebgha (7) pulzieri, minhabba dak kollu premess, u stante li huwa impossibbli llum li jigi trasferit l-istess spazzju indikat fil-pjanti annessi mal-istess konvenju, u jidher li l-konvenuti xorta jridu it-trasferiment isehh ghall-istess *car space* li fadal tad-dimensjonijiet attwali indikati waqt l-access, pero` dan xorta ma jistax issir stante li nonostante l-ezistenza tal-istess konvenju, tali *car space* gie trasferit mill-konvenut nomine lill-terzi skond kif jirrizulta f'paragrafu 1.8 tar-relazzjoni peritali.

Illi ghalhekk limitatament ghall-*car spaces* din it-talba ma tistax tigi milqugha, minhabba inadempjenza da parte tal-konvenut nomine li irrenda bit-trasferiment imsemmi lill-terzi l-istess trasferiment impossibbli, salv

id-dritt tal-istess attur ghad-danni *sic et quatenus* skond il-ligi.

(3) IT-TIELET ECCEZZJONI.

Din l-eccezzjoni tghid illi l-hames talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut esegwixxa x-xoghol lilu moghti.

Illi fit-28 ta' Awissu, 2000 din il-Qorti innominat lil-Perit Frederick Doublet B.E.&A., A&C.E. sabiex jassistiha f'access li kienet ser izzomm fil-fond *de quo*.

Illi minn din ir-relazzjoni jirrizulta illi bhala tul ghall-*parking spaces* kif indikat fil-pjanta ma l-iskrittura ghadu sallum jezisti b'dan li tali tul huwa ta' 16 il-pied. Rigward il-wisa' ta' l-istess *parking spaces* li kellha tkun ta' 14 il-pied u 6 pulzieri gie verifikat fuq il-post mill-Perit Tekniku nominat mill-Qorti li tali wisa' llum hija ta' 10 piedi, 7 pulzieri u nofs. (Vide Paragrafu 1.4 pagna 2 tar-relazzjoni).

Illi rigward il-bitha hdejn l-istess parking spaces li tinsab indikata fuq il-pjanti din illum ma tezistix stante li dik il-parti fuq il-pjanta intenzjonata bhala *shaft*/bitha llum tinsab imsaqqfa u hija parti mill-parking space tat-tul indikat fl-istess pjanta. (Vide Paragrafu 1.5

pagna 2 tar-relazzjoni), pero` hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li tali *shaft* qatt ma kien jaghmel parti mill-konvenju u li kellu jigi trasferit kien il-*parking space* tad-dimensjonijiet indikati fil-pjanta Dok. "A" a fol. 15 tal-process.

Illi l-partijiet jaqblu li llum dan il-*parking space* mertu ta' l-iskrittura ndikata u li fuqu sar l-access tinsab trasferita lill-terzi certu Carmel Fenech jew proprio jew ghan-nom tas-socjeta` tieghu. (Vide Paragrafu 1.8 pagna 3 tar-relazzjoni).

Illi l-perit tekniku fil-paragrafu numru 6.1 pagna 8 tar-relazzjoni tieghu jelenka diversi affarijiet bhala li huma nieqsa jew mhux kompletati fil-fond Flat 3, Ocean Flats, Sir Adrian Dingli Street, Sliema li ghalkemm skond l-istess perit tekniku dawn *"in-nuqqasijiet imsemmija mhumiex hwejjeg serji u jistghu jigu mghamulin tajjeb facilment".* (Vide paragrafu numru 6.2 pagna 10 tar-relazzjoni), xorta jibqa' l-fatt li dawn ma sarux nonostante li dawn kellhom ikun lesti fi zmien sentejn u nofs (2 ½) mis-26 ta' Frar 1991.

Illi din ikkunsidrata mal-fatt li l-istess konvenut nomine lanqas adempjixxa ruhhu mat-trasferiment tal-*car spaces* iwasslu ghall-konkluzzjoni li ghalhekk il-hames talba ta' l-attur timmerita li tintlaqa u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti michuda.

Illi konsegwentement ghandhom jintlaqghu it-talbiet l-ohra kollha fl-istess citazzjoni inkluza dik numru 7 dwar il-penali stante li jirrizulta li x-xogholijiet ma tlestewx fit-terminu preskritt fl-istess konvenju u cioe` sas-26 t'Awissu 1993 u ghalhekk tapplika l-penali ta' Lm5 kuljum imposta *ai termini* ta' paragrafu 4 tal-artikolu 6 tal-istess konvenju, li sad-data ta' din is-sentenza kkalkulata mis-26 t'Awissu 1993, ekkwivalenti ghall-perjodu ta' 7 snin u 242 gurnata iwasslu ghas-somma ta' Lm13,985 (365 jum x Lm5 x 7 snin = Lm12775;  Lm5 x 242 jum = Lm1210; Lm12775 + Lm1210 = Lm13,885).

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine **tilqa' t-talbiet attrici** bil-mod segwenti:-

(1) Tikkundanna lill-konvenut nomine jaddivieni ghall-kuntratt ta' bejgh *ai termini* tal-kundizzjonijiet pattwiti in forza tal-konvenju citat, tal-appartament, fejn qabel kien hemm l-arja tat-tielet sular *(second floor)* imsemmija fl-istess konvenju tat-13 ta' Gunju 1991, mibni mis-socjeta

konvenuta, fuq inkarigu tal-istess attur, formanti parti l-istess appartament minn korp ta' bini li fil-presentata tal-kawza kien fi stadju ta' kostruzzjoni, liema appartament, li originarjament kellu jkun numerat bin-numru tnejn, presentement qieghed numerat bin-numru tlieta, u kif ukoll tas-sehem pro rata tal-partijiet komuni tal-korp ta' bini riferit, liema appartament gie mibni f'parti mill-ispazju li qabel kien okkupat mid-djar bin-numri 36 u 37 Dingli Street, Sliema, b'dan li tichad it-talba attrici rigwardanti l-istess spazzju jew arja tal-istess *car spaces* indikati fl-istess konvenju u fil-pjanta mieghu annessa indikata bhala Dok. "A", stante li dan illum huwa impossibbli li ssir stante li tali arja u spazzju ta' garages fil-basement level tal-istess korp tal-flats ma jistax issir stante li tali dimensjonijiet illum ma ghadhomx jezistu u *di piu'* tali arja u spazzju gew trasferiti lill-terzi mill-konvenut nomine, u dan salv kull dritt spettanti lill-attur ghad-danni kontra il-konvenut nomine *sic et quatenus,* minhabba tali inadempjenza da parte tal-konvenut nomine li jaderixxi ruhhu mal-kondizzjonijiet tal-istess konvenju precitat.

(2) Tinnomina lin-Nutar Dr. Pierre Falzon sabiex jircievi l-kuntratt relattiv;

(3) Tinnomina lill-Avukat Dr. Mark Chetcuti sabiex jirrappresenta l-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt relattiv;

(4) Tiffissa il-jum ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju, 2001 f'nofs in nhar (12.00p.m) gewwa l-edifizzju tal-Qorti Superjuri, f'wahda mill-Awli tal-istess ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt relattiv;

(5) Tordna lill-konvenut nomine sabiex fit-terminu qasir u perentorju ta' zmien wiehed u ghoxrin gurnata mid-data ta' din is-sentenza jaghmel ix-xogholijiet kollha indikati mill-perit tekniku f'paragrafu 6.1.1 sa 6.1.16a a fol. 8 sa 10 tar-relazzjoni peritali tal-Perit Frederick Doublet mahlufa fl-14 ta' Novembru 2000, relattivi ghall-intern tal-appartament mibni mis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu u fl-interess tal-attur, kif ukoll ix-xogholijiet relattivi fil-partijiet komuni tal-korp ta' bini li tieghu jifforma parti l-appartament riferit u dan kollox skond ma indika l-Perit Tekniku Frederick Doublet B.E.&A., A&C.E. fir-relazzjoni tieghu esebita fil-process, u dan taht l-istess direzzjoni tal-Perit Arkitett Frederick Doublet li qed jigi nnominat minn din il-Qorti ghal dan l-iskop a spejjez tal-istess konvenut nomine.

(6) Tawtorizza l-istess attur, sabiex iwettaq ix-xogholijiet mehtiega huwa stess dejjem taht id-direzzjoni tal-Perit Frederick Doublet B.E.&A., A&C.E., li qed jigi wkoll nominat ghal tali skop minn din il-Qorti, f'kaz li l-konvenut nomine jibqa' inadempjenti u ma jesegwiex l-istess xogholijiet indikati fil-paragrafu precedenti ghal dan fit-terminu hemm prefiss, u dan kollu a spejjez tal-istess konvenut nomine;

(7) Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur il-penali ta' hames liri (Lm5) kuljum b'effett mis-26 ta' Awissu, 1993 sad-data tas-sentenza odjerna *ai termini* tar-raba paragrafu tas-sitt (6) artikolu tal-konvenju datat 13 ta' Gunju 1991, ekkwivalenti ghas-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u hamsa u tmenin lira Malitn (Lm13,985) salv kwalsiasi penali ulterjuri li jistghu jkomplu jiddekorru favur l-attur sad-data tat-twettieq definittiv tax-xogholijiet pattwiti u ndikati fil-hames (5) talba ta' din ic-citazzjoni attrici.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Awissu, 1993, u tar-relazzjoni peritali, u tal-Perit Tekniku kontra l-konvenut nomine, u b'riserva ta' azzjoni ulterjuri okkorendo inkluza dik ta' danni spettanti lill-attur kontra l-konvenut nomine *sic et quatenus* minhabba l-inadempjenza tal-istess

konvenut nomine li jittrasferixxi lill-attur l-istess imsemmija arja jew spazzju ghall-*carport*s kif fuq indikat skond il-konvenju pre-citat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**24 ta' April, 2001.**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**24 ta' April, 2001**